MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 103/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR NEVILLE AQUILINA**
**SPETTUR SANDRO GATT**

**VS**

**CHARLES (CARMEL) CARUANA**

**Illum 26 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles (Carmel) Caruana, ta' 31 sena bin Victor u Catherine nee' Zammit, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ottubru 1971 u residenti 31 Sliema Road, Gzira, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 471571 (M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Frar 1998, u f'dan l-ahhar xahar qabel din id-data;

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/I minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma' kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-

Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-6 ta' Dicembru 1996.

Ikkonsidrat:

Illi peress illi jirrizulta illi l-imputat miet fid-9 ta' Mejju 2002, skond kif qieghed jigi certifikat mill-estratt tac-certifikat tal-mewt, perezentat mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qeghda tiddikjara procediment ezawrit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------